*minn ġrajjietna*

*minn Anton Buttigieg P.E.P.*

# Il-Festa ta' CORPUS CHRISTI

Il-Knisja Kattolika bdiet tfakkar it-twaqqif tas-Sagrament tal-Ewkaristija sa miż-żmenijiet appostoliċi.

Iżda billi Ħamis ix-Xirka jaħbat waqt il-ġimgħa li tfakkar il-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu, sa minn żmenijiet bikrin tnissel il-ħsieb biex jitwaqqaf jum ieħor għaċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa għażiża.

Waħda mill-pijunieri li ħadmet ħafna għat-twaqqif ta' din il-festa kienet il-Beata Ġuljana, reliġjuża mill-belt ta' Lieġi fi Franza.

Fis-sena 1230 Ġuljana laħqet prioressa ta' l-Ordni tagħha u għalhekk kienet f'qagħda aħjar biex taħdem aktar għat-twettiq tal-ideal li kellha f'moħħha.

Biex tasal għall-għan mixtieq bdiet tikkonsulta teoloġi magħrufa u dinjitarji tal-Knisja. Wieħed minn dawn id-dinjitarji kien l-Arċidjaknu tal-Katidral ta' Lieġi, li wara sar Papa bit-titlu ta' Urbanu IV.

Il-ħidma kompliet bla ma taqta' u xi snin wara kellha l-ewwel riżultati pożitivi. Fis-sena 1246, Robertu, Isqof ta' Liegi ordna li l-jum magħżul għaċ-ċelebrazzjoni tal-Festa tal-Corpus, jiġi miżmum fid-djoċesi tiegħu kollha.

Wara l-mewt ta' Ġuljana, mara oħra tajba jisimha Eva, li kienet ħabiba intima tagħha, ikkonvinċiet lill-Isqof Enriku ta' Liegi, li kien laħaq wara Robertu, biex jitlob lill-Papa Urbanu IV jordna ċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Corpus fil-knisja kollha.

Urbanu laqa' din it-talba u fl-1264 ħareġ il-Bolla bl'ordni li l-festa tal-Corpus tiġi ċelebrata fid-dinja kollha kattolika t-tieni Ħamis wara Għid il-Ħamsin. Il-Papa Klement V, fil-Konċilju ta' Vienna (1311) ikkonferma l-kostituzzjoni ta' Urbanu IV. Ġanni XXII, Is-suċċessur ta' Klement V, kompla ħadem ħafna għal din il-festa. Il-Papiet Martin V u Ewġenju IV kattru d-devozzjoni tal-festa tal-Corpus bl-għoti ta' indulġenzi.

Sa mill-bidu nett il-purċissjoni bis-S.S.Sagrament kienet parti miċ-ċeremonjal tal-festa. Hemm min jaħseb li l-purċissjoni kienet ordnata mill-istess Papa Urbani IV. Kien hu ukoll li ordna lil San Tumas ta' Aquino jfassal l-uffiċċju tal-Festa.

Din, fil-qosor hi l-istorja tat-twaqqif tal-festa għażiża tal-Corpus li aħna, f'Malta u Għawdex niċċelebraw fit-Tieni Ħadd wara Pentekoste.

